## *Il-25 anniversarju mill-Inkurunazzjoni:*

# Tifkiriet ta' Lawrence Gatt u Freddie Micallef

Fost l-esperjenzi sbieħ li għaddejna minnhom u li żgur ma ninsew qatt hija dik ta' l-10 ta' Awissu, 1975. Aħna lkoll li għexna dawk il-granet ta' festi, li laħqu l-qofol tagħhom fl-inkurunazzjoni nfisha, konna ffurtunati għax dik kienet okkażjoni unika f'ħajjitna li qatt ma tista' terġa tiġi.

Il-kwadru ta' l-Assunta huwa l-istess kwadru li 'l fuq minn tliet mitt sena, fl-1678, kien ġie mpitter għall-knisja parrokkjali l-qadima. Wara li kien restawrat għal kemm-il darba kien ġie mkabbar u ħa postu bħala l-kwadru titulari fir-Rotunda.

Kien mument eċċitanti meta l-Arċipriet Bartolomeo Bezzina, illum Monsinjur, ta l-aħbar sabiħa lill-Mostin u l-Maltin kollha, illi fuq talba tiegħu, l-Q.T. il-Papa Pawlu VI kien ta l-kunsens tiegħu għall-inkurunazzjoni.

Min kien preżenti, kif jista' jinsa l-pellegrinaġġ *aux flambeaux* bl-istatwa tal-Madonna minn tarf Triq il-Kungress Ewkaristiku sal-knisja parrokkjali?

Is-*son e lumiere* li sar wara l-knisja minn żgħażagħ Mostin, is-serata ta' qari, mużika u dawl u l-Akkademja Mużiko-Letterarja huma tifkiriet oħra.

Il-jum tant mistenni ta' l-10 ta' Awissu wasal ukoll. L-ewwel ċelebrazzjoni kienet l-Ewwel Tqarbina tat-tfal tal-parroċċa. Il-ġenituri tat-tfal akkumpanjaw lil uliedhom miċ-Ċentri tad-Dutrina sal-knisja. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mill-Arċipriet.

Fil-għaxija ċ-ċerimonja bdiet permezz ta' purċissjoni mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù sal-knisja parrokjali. Quddiemnett kien hemm il-Kavallerija tal-Pulizija. Warajha kien hemm il-Prim Imħallef, il-Professur J. J. Cremona li ġarr il-kuruna fuq imħadda tal-bellus. Fuq kull naħa tiegħu kellu kavalier tas-Santu Sepulku. Warajhom kien hemm is-saċerdoti, il-Kapitlu tal-Katidral u t-tlett Isqfijiet. Dawn kollha rajniehom hekk kif avviċinaw iz-zuntier tal-knisja.

Fuq iz-zuntier kien hemm tribuna maestuża li kienet ġiet imtellgħa għal din l-okkażjoni u li fuqha saret l-inkurunazjoni.

Iċ-ċerimonja ta' l-Inkurunazjoni assistejna għaliha mill-viċin ħafna. Għalhekk għadha stampata ċara f'moħħna fejn nittamaw li tibqa' għal dejjem. Bħala rappreżentanti taż-żewġ naħat tal-Kamra tad-Deputati, konna fuq iz-zuntier mad-dinjitarji l-oħrajn. Kellna l-unur kbir li niġu magħżula mill-Arċipriet bħala ż-żewġ xiehda tal-kuntratt. Magħna kien hemm in-Nutar Dr. Francis Micallef li kiteb il-kuntratt u s-Sur Joseph Grech li ffirma f'isem il-poplu Mosti.

Permess ta' dan il-kuntratt, l-Arċisqof għabba bir-responsabbiltà lill-Arċipriet u s-suċċessuri tiegħu li jaraw li l-kuruna tibqa' fuq ras ix-Xbieha tal-Madonna.

Fuq iz-zuntier kien hemm ukoll il-President ta' Malta Sir Anthony Mamo u s-Sinjura Mamo fil-post ta' l-unur. Malli waslet il-purċissjoni, il-Prim Imħallef qagħad fuq in-naħa l-oħra taz-zuntier ta' fejn kien hemm il-President. L-Isqfijiet u l-kleru qagħdu madwar it-tribuna.

Minn fuq iz-zuntier stajna naraw baħar ta' nies kemm fil-pjazza kif ukoll matul it-toroq li jagħtu għaliha.

Wara l-omelija ta' l-Arċipriet, li ġiet milqugħa b'ċapċip kbir, il-Prim Imħallef qara d-dokument li bih il-Papa ta l-kunsens tiegħu għal din l-inkurunazjoni.

Wara l-Arċisqof ippreżenta l-kuruna lill-Arċipriet li min-naħa tiegħu wiegħdu bil-ġurament li hu s-suċċessuri tiegħu jidħlu responsabbli għaliha. Kien hawn li n-Nutar Micallef qara l-kuntratt u ġie ffirmat minna t-tnejn u minn Joseph Grech f'isem il-poplu Mosti. Nistgħu nassigurawkom li mill-mijiet biex ma ngħidx eluf ta' firem li ffirmajna, anke fil-kapaċità tagħna ta' ministri, din kienet l-aktar firma importanti ta' ħajjitna.

L-Arċisqof bierek il-kuruna li kienet miżmuma mill-Prim Imħallef, intona talba u b'solennità kbira poġġa l-kuruna fuq ras il-Madonna. Dak il-ħin, il-kant tas-Salve Reġina u d-daqq tal-qniepen ġew mitfija miċ-ċapċip li jtarrax tal-folla bla qies. Kienet xena memorabbli, il-qofol tal-ħolma ta' l-Arċipriet Dun Bert Bezzina, tal-kleru u tal-Mostin kollha. ■

*Lawrence Gatt u Freddie Micallef*



Ġużeppi Grech (l-ewwel mix-xellug) rappreżentant tal-poplu Mosti bħala xhud ta' l-Inkurunazzjoni ta' l-Assunta flimkien ma' xhieda oħra, Freddie Micallef, rappreżentant tal-MLP, in-Nutar Micallef u Lawrence Gatt, rappreżentant tal-PN